MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 577/2014

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali
ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'
estera Philip Morris Brands Sàrl**

**vs**

**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u P.L. Davina Sullivan
kuraturi deputati biex jirrapprezentaw
lis-socjeta' Al Shama Al Modea For Import & Export,**

**Almanar Street - B- 18 - F302, Misurata, Libya u**

**lil Mohammad Hassan ghal kull interess li jista' jkollu, nominati**

**b'digriet tal-11 ta' Awwissu 2014**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-30 ta' Gunju 2014 li jghid hekk:

1. IIli s-socjeta Philip Morris Brands Sàrl, ta' Quai Jeanrenaud 3, CH-2000 Neuchâtel, tal-iSvizzera hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "MARLBORO" liema markju huwa wzat mis-socjeta rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha fosthom sigaretti, kif ukoll hija proprjetarja tal-markju distintiv li jinsab fuq il-pakketti tal-istess sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument "A", d-Dokument "B", d-Dokument "C", d-Dokument "D", d-Dokument "E", u d-Dokument "F";

2. IIli s-socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-imsemmi markju "MARLBORO" u tal-imsemmi markju distintiv, fil-komplessita taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark No. 5789 (kif muri f'Dok, "A"), Trademark No. 5790 (kif muri f'Dok. "B") u Trademark No. 16670 (kif muri f'Dok. "C"), liema markji huma wkoll irregistrati bhal Trademarks Komunitarji mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 000075606 (kif muri f'Dok. "D"), Numru 004020641 (kif muri f'Dok. "E"), u Numru 1023145 (kif muri f'Dok. "F") kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dan l-imsemmi markju distintiv jew xoghol artistiku li jinsab fuq il-pakketti tal-imsemmija sigaretti, u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi jirrizulta illi fit-28 ta' Mejju 2014 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "CMA CGM EFFINGHAM", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' sigaretti li jgibu l-markji tas-socjeta rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fi tmien mija u sitta u ghoxrin (826) kaxxi jew master cases (fejn kull kaxxa jew master case tikkontjeni ghaxart elef (10,000) sigarett individwali), b'Container Numru CLHU8781576 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru 588488700 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "K") jirrizulta li l-konsenjatarji tal-sigaretti in kwistjoni huma ndikati bhala "Al Shama Al Modea For Import & Export, Almanar Street - B-18 - F302, Misurata, Libya, Mr. Mohammad Hassan, Tel: 0021 891 211 6299", mentri jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper huma ndikati bhala "Sun Moon Star Trading Corporation, RM 1801 Chenggong Building No. 72, Luxun Rd Zhongshan Dist Dalian T: 0411 39805270, O/B Kam Yick Trading";

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles

ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta intellettwali huwa projbit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, li favur taghha huma rregistrati l-markju "MARLBORO" u l-markju distintiv li jinsab fuq il-pakketti tal-istess sigaretti, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta estera Philip Morris International Management S.A., f'isem is-socjeta rikorrenti (ara r-rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "G");

7. Illi din il-konsenja ta' sigaretti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "H");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta' Frar 2009 fuq it-Trademark Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 tal-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-Trademark Komunitarja" jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar Trademarks Komunitarji huma l-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' sigaretti li tikkonsisti fi tmien mija u sitta u ghoxrin (826) kaxxi jew master cases (fejn kull kaxxa jew master case tikkontjeni ghaxart elef (10,000) sigarett individwali), b'Container Numru CLHU8781576, da parti tal-intimati, jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks irregistrati fisem is-socjeta rikorrenti bin-Numri 5789, 5790 u 16670 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq l-imsemmi markju distintiv jew xoghol artistiku li jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti in kwestjoni;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' sigaretti li tikkonsisti fi tmien mija u sitta u ghoxrin (826) kaxxi jew master cases (fejn kull kaxxa jew master case tikkontjeni ghaxart elef (10,000) sigarett individwali), b'Container Numru CLHU8781576, da parti tal-intimati, jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademarks Komunitarji Numri 000075606, 004020641 u 1023145 irregistrati f'isem is-socjeta rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta' Frar 2009 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja));

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati, jew min minnhom, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-konfront tas-socjeta rikorrenti;

6. Tordna lil-intimati, jew min minnhom, sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414;

Bl-ispejjez, kontra l-intimati, jew minn minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirraprezentaw lil Mohammad Hassan tad-9 ta' Settembru 2014 li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirraprezentaw lil Al Shama Al Modea for Import & Export tad-19 ta' Settembru 2014 li tghid hekk:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo .

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi marki fost ohrajn tal-markju "MARLBORO", liema markju huwa uzat mill-istess socjeta fuq diversi prodotti manifatturati minnha fosthom sigaretti, kif ukoll hija wkoll proprjetarja tal-markju distintiv li jinsab fuq il-pakketti tal-istess sigaretti, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A sa F, liema marki huma registrati fir-Registru tal-Markji f'Malta bin-numri 5789, 5790, 16670, u dawk Komunitarji bin-numri 000075606, 004020641 u 1023145.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’container numru CLHU8781576 kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM EFFINGHAM li kien diehel Malta fit-28 ta’ Mejju 2014 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ sigaretti li jgibu l-markji tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti fi tmien mija u sitta u ghoxrin (826) kaxxi jew master cases (fejn kull kaxxa jew master case tikkontjeni ghaxart elef (10,000) sigarett individwali), u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 16 ta’ Gunju 2014 (Dok. AC1 fol. 78) maghmul minn Leonard Imfeld, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Joseph Aquilina datat 30 ta’ Settembru 2014 (Dok. JA1 fol. 76) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ Leonard Imfeld li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta’ Joseph Aquilina (Dok. JA1 fol. 76). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja ta’ tmien mija u sitta u ghoxrin (826) kaxxi jew master cases (fejn kull kaxxa jew master case tikkontjeni ghaxart elef (10,000) sigarett individwali) in

kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet s-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ tmien mija u sitta u ghoxrin (826) kaxxi jew master cases (fejn kull kaxxa jew master case tikkontjeni ghaxart elef (10,000) sigarett individwali) b’Container Numru CLHU8781576, da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq l-imsemmi markju distintiv jew xoghol artistiku li jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti in kwistjoni;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lil intimati jhallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta’ Joseph Aquilina (Dok. JA1 fol. 77);

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------